**AVVIŻI**

**17 ta' Jannar 2016**

*Illum* jibda b'mod uffiċċjali l-mandat ta' P. Christian bħala Kappillan tal-Parroċċa.
Fil-5.30pm il-Kappillan jiltaqa' mat-tfal u l-familji fiċ-Ċentru Sant'Antnin u flimkien magħhom jimxi lejn il-Knisja Parrokkjali fejn fis-6pm l-Provinċjal jilqa' lil Mons. Arċisqof u fis-6.15pm tibda l-quddiesa solenni. Wara jkun hemm riċeviment.

Minn nhar it-Tnejn 18 sal-25 ta' Jannar issir il-ġimgħa ta' talb għall-għaqda bejn l-insara. Aħna mistednin inkomplu nitolbu u naħdmu biex inkunu l-Knisja magħquda f'Ġesù r-Ragħaj tagħna.

Nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar il-grupp tal-Kompensatriċi sa jorganizza laqgħa ta' talb fil-Knisja tagħna. Fil-5.15pm tibda Adorazzjoni Ewkaristika u wara l-istess grupp janima l-quddiesa. Ikun hawn saċerdot minn kunvent ieħor għall-qrar.